MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1168/1999/1

**Mario Galea**

**vs**

**Maria Concetta Galea f'isimha proprju u ghan-nom ta' (1) Natasha, (2) Charlene, (3) Leanne, u (4) Rachel, ilkoll ahwa Galea, ulied Maria Concetta u Mario Galea**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti, konjugi Galea, kienu sseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Marzu 1996, liema kuntratt hu ricevut in atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani kif indikat fid-dokument immarkat "MG1";

Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu ftehmu, fost hwejjeg ohra, li ma jindahlux fil-hajja privata ta’ xulxin, il-komparenti Maria Concetta Galea kienet accettat ukoll li titlef id-dritt li (a) tibqa’ tabita fid-dar ta’ residenza li qabel kienet konjugali, u (b) tippercepixxi minghand zewgha l-manteniment indikat fl-istess kuntratt, f’kaz li hija *“tibda tikkoabita regolarment ma’ haddiehor”;*

Illi l-attur jaf b’certezza li martu ilha zmien tiffrekwenta ragel iehor, u cjoe’ certu Mario Vella minn G’Mangia, u dan fuq bazi regolari, tant li sahansitra l-imsemmi Mario Vella qieghed jidhol ukoll fid-dar ta’ residenza li qabel kienet konjugali, u ghaldaqstant, il-konvenuta qed tagixxi bi ksur kontra l-klawsola relattiva fl-imsemmi kuntratt;

Illi d-dar ta’ residenza in kwistjoni, u cjoe’ l-fond bl-isem “*Happy Nest”* Triq il-Malvizz gja *Songthrush*, Rahal Gdid, kienet u ghadha proprjeta’ komuni tal-kontendenti;

Illi l-attur ghadu jhallas lil martu s-somma ta’ mija u sebghin lira Maltija (Lm170) destinati bhala manteniment ghaliha, *oltre* l-ammont ta’ tmenin lira Maltija (Lm80) imhallas lilha wkoll bhala manteniment ghall-erba’ wlied taghhom, ahwa Galea;

Illi l-attur baqa’ jhallas il-manteniment dovut lil martu l-konvenuta *nonostante* li hija hadmet bi qliegh barra d-dar minn zmien ghal zmien u *nonostante* wkoll li l-introjtu finanzjarju tal-attur naqas minn dak iz-zmien tal-kuntratt konsenswali fuq indikat;

Illi l-attur, ghalkemm huwa obbligat ikompli jhallas manteniment xieraq u adegwat lill-erba’ wlied taghhom, ahwa Galea, mhux dispost ihallas manteniment lil martu l-konvenuta meta hija qed tikkoabita ma’ ragel iehor fid-dar residenzjali li minnha l-attur ghandu nofsha bhala sehem;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuta qed tagixxi bi ksur kontra l-klawsola relattiva fl-imsemmi kuntratt meta

qed tikkoabita ma' ragel iehor fid-dar residenzjali fuq indikata;

2. Tikkundanna u tordna l-konvenuta tallontana ruhha u tivvaka mill-fond minnha wzat bhala dar residenzjali;

3. Tawtorizza l-bejgh tad-dar residenzjali u tordna li r-rikavat mill-bejgh tad-dar residenzjali jinqasam bejniethom nofs b'nofs;

4. Tiddeciedi u tiddikjara illi konsegwenzjalment, il-konvenuta tilfet id-dritt li tircevi manteniment ghaliha minghand l-attur zewgha kif indikat fl-imsemmi kuntratt;

5. Tawtorizza lill-attur ma jhallasx lil martu l-konvenuta l-manteniment indikat fl-imsemmi kuntratt, limitatament ghall-manteniment dovut ghaliha;

6. Tiddeciedi u tiddikjara x'ammont ghandu jithallas mill-attur bhala manteniment lil uliedu, a bazi tal-introjtu finanzjarju attwali tieghu kif ukoll dak tal-mara l-konvenuta;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-13 t'Awissu 1999 a fol. 13 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti Maria Concetta Galea ma wettqet l-ebda koabitazzjoni, la regolarment u lanqas b'xi mod iehor, mal-persuna li qeghda tigi ndikata fic-citazzjoni odjerna. Ghalhekk il-pretensjoni ta' zewgha li hija agixxiet bi ksur tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet u t-talbiet konsegwenzjali tieghu relattivi ghad-dekadenza da parti taghha mid-dritt li tabita fid-dar konjugali u mid-dritt li

tircievi l-manteniment ghaliha, huma lkoll insostenibbli u ghandhom jigu respinti.

2. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Settembru 1999 fejn il-Qorti nnominat li Dr. Greta Agius bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi; tas-6 ta' Marzu 2000; u tal-21 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attur Mario Galea datata 30 ta' Mejju 2000 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Lawrence Galea.

Rat il-verbali tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000; tat-3 ta' Lulju 2001; tat-30 t'Ottubru 2001; tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-15 ta' Mejju 2002; tad-29 t'Ottubru 2002; u tal-4 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet tieghu bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-lum 2 t'Ottubru 2003 ghas-sentenza.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>KUNTRATT TA' SEPARAZZJONI.</u>

Illi l-partijiet kienu dahlu f'kuntratt ta' separazzjoni bonarja bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Marzu 1996 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani u

esebit fl-atti proceswali ta' din il-kawza bhala Dok. "MG 1" a fol. 5 sa 8 tal-process.

Illi fi klawsola seba' (7) tal-istess kuntratt jinghad illi:-

*"Il-komparenti MARIO GALEA jobbliga ruhu li jivversa retta alimentarja mensili ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) li minnhom mija u sebghin lira Maltin (Lm170) huma destinati ghall-manteniment ta' martu u l-bilanc ta' tmenin lira Maltin (Lm80) jinqasam ugwalment fuq l-erbat itfal li ser jigu b'dan l-att affidati fil-kura u l-kustodja taghha u pagabbli din r-retta alimentarja kull hmistax bil-quddiem; din ir-retta alimentarja, nieqes ir-rata nfraskritta pagablli lil Lohombus Bank Limited ghandha tigi riveduta annwalment skond l-gholi tal-hajja, pero' qatt ma tista' tigi ridotta: inoltre' jiftehmu l-partijiet wkoll li meta kull tifla tilhaq il-maggor eta', dan il-manteniment jonqos bl-ghoxrin lira Maltin (Lm20) ghal kull tifla".*

Illi fost kundizzjonijiet ohra fil-klawsola numru tlettax (13) tal-istess ftehim il-partijiet odjerni qablu wkoll li:-

*"Jiddikjaraw il-komparenti KONJUGI GALEA li r-residenza konjugali taghhom u cjoe' d-dar bla numru li jisimha "Happy Nest" Triq il-Malvizz go "Songthrush Street", ir-Rahal il-Gdid, liema dar tmiss mal-Punent mat-Triq, Tramontana ma' beni ta' Francis Bonnici u Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Joseph Gauci, hija sottoposta ghall-beni ta' terzi, soggetta ghall-annwu perpetwu kanone rredibbli ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) altrimenti libera u franka, bil-gus, drittijiet u pertinenzi taghha kollha, ghandha tibqa' proprjeta' komuni bejniethom; pero' l-komparenti MARIA CONCETTA GALEA ghandha d-dritt li tibqa' tirresjedi f'din id-dar sakemm trid u da parte taghha, hlief ghal dak li ser jinghad hawn aktar 'l isfel, qed jobbliga ruhu l-komparenti MARIO GALEA, li bl-ebda mod ma jipprova jizgumbraha; jekk tigi biex tinbiegh id-dar, ghandha tinbiegh bi ftehim bejn il-komparenti KONJUGI GALEA u qualsiasi flus hekk percepiti ghandhom jinqasmu bejniethom; inoltre tobbliga ruhha l-komparenti MARIA CONCETTA GALEA li tibqa' thallas ir-rati mensili tas-self minnhom maghmul mill-Lohombus Bank Limited f'nuqqas ta' liema MARIO*

*GALEA qed jigi awtorizzat ihallas din ir-rata, li hi hamsin lira Maltin (Lm50) u titnaqqas mir-retta alimentarja mensili li huwa jhallas lil martu; inoltre' din id-dar ma tistax tintuza ghal skopijiet ta' kummerc jew bhala residenza ta' terzi".*

Illi fl-ahharnett ghall-iskop tal-azzjoni attrici, jinghad li abbazi tal-klawsola numru hmistax (15) tal-istess kuntratt il-partijiet odjerni qablu li:-

*"Fil-kaz li l-komparenti MARIA CONCETTA GALEA tibda tikkoabita regolarment ma' haddiehor, allura hija titlef id-dritt li:-*

*(a) tibqa' tabita fil-precitata dar;*

*(b) tippercepixxi minghand zewgha l-manteniment hawn patwit.*

**(ii) <u>AZZJONI ATTRICI.</u>**

Illi fl-azzjoni attrici qed jallega li l-konvenuta qed tiffrekwenta lil certu Mario Vella minn Gwardamangia u li l-istess persuna qed tidhol fid-dar li qabel kienet il-fond matrimonjali, u aktar 'il quddiem fic-citazzjoni attrici jallega wkoll li l-konvenuta *"qed tikkoabita ma' ragel iehor fid-dar residenzjali li minnha l-attur ghandu nofsha bhala sehem"* u ghalhekk abbazi ta' dak minnu premess qed jikkontendi u jitlob li b'hekk jigi dikjarat li l-istess konvenuta kisret il-klawsola relattiva tal-istess kuntratt *stante* li qed tikkoabita mal-istess persuna fl-imsemmi fond, u bil-konsegwenza li hija ghalhekk tilfet id-dritt li tghix fl-istess dar konjugali u ghalhekk ghandha tigi ordnata sabiex tivvaka l-istess dar, u konsegwentement il-Qorti ghandha wkoll tordna l-bejgh tal-istess residenza bir-rikavat jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet; *inoltre* qed jigi mitlub mill-attur li konsegwenza tal-allegata koabitazzjoni msemmija fl-istess dar jigi dikjarat li l-konvenuta wkoll *ai termini* tal-kuntratt, tilfet id-dritt li tigi mantnuta mill-attur, u ghalhekk jigi mnehhi l-obbligu tal-attur li jmantni lill-martu; fl-ahhar nett gie wkoll mitlub sabiex il-Qorti abbazi ta' tali decizjoni tiffissa l-

ammont ta' manteniment li l-attur ghandu jhallas ghal uliedu.

Illi fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta kienet kategorika fejn cahdet li hija b'xi mod ikkoabitat ma' persuna ohra fid-dar proprjeta' tal-kontendenti u ghalhekk it-talbiet attrici huma lkoll insostenibbli u ghandhom jigi michuda.

**(iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi huwa ovvju legalment u guridikament li l-attur ghandu l-oneru tal-provi dwar l-allegazzjonijiet minnu vantanti, u dan anke abbazi ta' dak li nghad fis-sentenza **"Woodline Limited vs Forsite Design & Project Management Services Ltd."** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003 fejn inghad:-

*"Illi huwa veru li l-istess awtur* ***Phipson*** **"On Evidence"** *jispjega wkoll (op. cit, para 91) illi r-regola "Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio" "is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the <u>first</u> to prove his case*".

Illi ghal dak li jirrigwarda nterpretazzjoni ta' kuntratti fil-kawza **"Emanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002 inghad:-

*"Illi kif inghad fis-sentenza* ***"Anton Spiteri vs Alfred Borg"*** *(P.A. RCP 30 ta' Novembru 2000) "ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-****artikolu 1002 tal-Kap 16****, fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' nterpretazzjoni, ghaliex tali nterpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* ***("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -*** *A. C. 30 ta' Marzu 1997)".*

*Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju 'contra scriptum non est argumentum', li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha,……..."* **("Joseph Grech Sant nomine**

**vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*" -** A.C. 28 ta' Frar 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xeureb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16**"* li ghalih gja' saret referenza aktar 'il fuq. Tal-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et*"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li *"l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi l-istess is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid *"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu"* (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi ntqal *inoltre* anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li *"l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju

2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi ghalhekk jirrizulta, u din hi anke hija *r-ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Dispozizzjoni li tirrifletti l-principju *"in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Illi korrolarju ta' dawn il-principji hija wkoll li l-istess kuntratti bejn il-partijiet ghandhom jigu esegwiti *in bona fede* u l-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun bwon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati *in bona fede* **("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** - P.A. (WG) 30 ta' April 1987); **"Chris Cachia & Associates Limited vs Damian u Roseanne konjugi Formosa"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002).

Illi dan kollu japplika ghall-kaz odjern hlief il-fatt li f'materja ta' ligi tal-familja u dan anke fil-kuntest ta' dak li hemm provdut fil-**Kodici Civili** l-interess tal-minuri jibqa' suprem u ghalhekk *nonostante* kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet dwar il-minuri jista' jigi annullat mill-Qorti jekk *"hekk ikun mehtieg ghall-gid tal-minuri'* u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 61 tal-Kap 16.**

Illi tenut kont ta' dawn il-principji u wkoll dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, li l-estratti rilevanti tieghu li jikkoncernaw din il-kawza gew citati f'din is-sentenza, jirrizulta li l-attur qed jallega li l-konvenuta tilfet u ddekadiet mid-drittijiet taghha ta' manteniment fl-istess kuntratt u wkoll li tabita fl-istess dar ta' kontendenti ma' wliedha ghaliex hija qed tikkoabita ma' persuna ohra fl-istess dar bi ksur tal-kwalsola numru hmistax (15) tal-istess kuntratt.

Illi fil-fatt l-attur jallega li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' certu Mario Vella mill-Pieta', Triq id-Duluri, u dan

ghaliex huwa qed isostni li ra l-vann Toyota *pick up,* Reg. Nru. GAN 374 quddiem id-dar tar-residenza tal-konvenuta, u dan skond ix-xhieda tieghu tas-26 ta’ Jannar 2000, rah ta’ sikwit; fil-fatt l-istess attur jallega li huwa kellem lill-istess persuna u qallha li *“ma kienx jinteressani r-relazzjoni bejnu u bejn il-mara, pero’ li kien jinteressani hu li hu ma setghax jidhol go dari, specjalment meta jiena kont qed naghmel il-pagamenti ta’ l-istess dar………. Aktar minn hekk hemm it-tfal minuri, li jghixu ma’ marti”.* Skond huwa dan Mario Vella kkonferma li huwa ghandu relazzjoni ma’ martu u jidhol id-dar. Sostna wkoll li t-tfal kienu hargu flimkien mal-istess attrici u wkoll ma’ din il-persuna, u t-tfal issejhu lil din il-persuna bhala *‘stepfather”.* Fix-xhieda tieghu tal-10 ta’ Lulju 2000 huwa sostna li cempel id-dar u rrisponda ragel li qal li gharaf li kien Mario Vella, ghalkemm meta kkuntattja mieghu fuq ix-xoghol dan cahad li kien huwa li kien fid-dar tal-istess konvenuta. Dwar dan Lawrence Galea fl-affidavit tieghu esebit fit-30 ta’ Mejju 2000 jghid li t-tfal tal-kontendenti semmewlu li huma jirreferu ghal dan Mario Vella bhala l-*‘istep-father’* taghhom.

Illi in kontro-ezami l-attur qal li huwa ghandu relazzjoni ma’ terza persuna u joqghod ukoll maghha u dan minn 1994, sostna li huwa naqqas il-hlas ta’ manteniment peress li kien sospiz bejn Awissu 1996 sa Marzu 1997 u meta mar lura ghax-xoghol ma baqax ihallas il-manteniment ta’ Lm250 fix-xahar izda biss Lm80 mensilment ghat-tfal u Lm57 fix-xahar lill-Lohombus; illum il-Lm250 qed jinqatghu direttament mill-paga tieghu u l-pagamenti baqghu jsiru regolarment mill-konvenuta.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta fis-seduta tal-20 ta’ Lulju 2000 sostniet li hija tghix fid-dar taghha wahedha, u *“la qabel u lanqas illum ma gie jghix xi hadd mieghi”.* Ammettiet li veru tohrog ma’ Mario Vella, pero’ dan jigi ghaliha u jwassalha lura d-dar u qatt ma ghexet mieghu fl-istess dar; dahal xi darbtejn id-dar biex jiehu kikkra te’ u daqshekk.

Illi fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2001 l-konvenuta sostniet li kienet ipprocediet gudizzjarment kontra l-attur ghall-hlas

ta’ arretrati ta’ manteniment pero’ dawn baqghu ma thallsux *nonostante* s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 3 ta’ Dicembru 1999 (fol. 70).

Illi l-istess Mario Vella fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2000 kkonferma dak kollu li qalet il-konvenuta u li anke kellem lill-attur wara li dan ikkomunika mieghu; kien dahal fir-residenza tal-konvenuta sabiex jaghti rigali tal-Milied lit-tfal taghha u qatt ma dahal biex ibajjad; huwa sostna li joqghod ma’ ommu 143, Our Lady of Sorrows Street, Pieta’.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu, li bazikament hija x-xhieda kollha prodotta mill-partijiet jidher car li l-attur bl-ebda mod ma jista’ jinghad li pprova l-allegazjoni tieghu li l-konvenuta qed tghix fil-fond *de quo* msemmi fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet ma’ dan Mario Vella u b’hekk jista’ jinghad b’mod assolut li mill-provi prodotti l-attur ma rnexxilux jossodisfa l-oneru tieghu ta’ prova dwar l-allegazzjonijiet minnu vantati, fl-opinjoni ta’ Qorti lanqas fuq bazi *prima facie.* Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-allegazzjonijiet tal-attur lanqas huma verosimili, u huma wkoll kontradetti mix-xhieda tal-istess konvenuta u l-imsemmi Mario Vella b’mod ghal kollox konsistenti.

Illi jinghad ukoll li l-attur lanqas ressaq provi ohra sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u senjatament ghalkemm jirreferi ghal dak li t-tfal jghidu dwar Mario Vella, u jirreferu ghalih bhala l-*istep-father* taghhom, l-istess ulied il-kontendenti, anke dawk maggorenni ma tressqux bhala xhieda.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur bl-ebda mod ma ssostanzja l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta u dan senjatament li hija kienet qed tghix jew tikkoabita fil-fond tal-partijiet ma’ din it-terza persuna ndikata f’dawn il-proceduri, anzi mill-provi prodotti jidher ppruvat li dan ma huwiex il-kaz u ghalhekk jidher car li t-talbiet attrici kollha ma ghandhomx u mhux qeghdin jigu milqugha *stante* li l-konvenuta ma ghamlet xejn sabiex hija tigi kkonsidrata li ddekadiet mid-drittijiet taghha

skond il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 29 ta’Marzu 1996, u fid-dawl ta’ dan kollu ma hemmx dubju li l-istess ftehim bejn il-partijiet ghandu jigi rispettat in omagg tal-principju *“pacta sunt servanda”.*

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici kollha** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kolllha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------